MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 2213/1996/1

**Josephine mart Carmelo Cilia.**

**vs**

**Salvina mart Joseph Schembri, Lourdes mart Daniel Gatt, Grace mart Joseph Cutajar, George Sciortino, u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2008 l-atti gew trasfuzi fl-ismijiet Josephine mart Carmelo Cilia, George Sciortino, l-Avukat Adrian Cutajar bhala mandatarju tal-assenti Philip Sciortino, Emanuel Sciortino u Nazzareno Sciortino, Grace mart Joseph Cutajar, Salvino mart Joseph Schembri, Anthony Sciortino u Mary Lourdes mart Daniel Gatt ilkoll eredi f'sehem indaqs tal-mejta Mary Sciortino; Anthony Sciortino; u Joseph Cutajar nominat kuratur b' digriet tas-7 ta' Novembru 1995 biex jirrapprezenta lill-imsiefrin Nazzareno, Emanuel u Philip, ahwa Sciortino, u l-istess Joseph Cutajar ghall-interess li jista' jkollu bhala esekutur testamentarju ta' Salvatore u Carmela mizzewgin Sciortino.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Gunju 1996 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi Salvatore u Carmela mizzewgin Sciortino, mietu rispettivament fis-27 ta' Settembru 1987 u fit-8 ta' Awissu 1995, u hallew superstiti lil ghaxar uliedhom, il-kontendenti ahwa Sciortino;

Illi l-istess Salvatore u Carmela Sciortino b'testment *unica carta* tat-30 ta' Mejju 1985 fl-atti tan-nutar Dr. Carmelo Mangion, hallew eredi lid-disa' konvenuti ndaqs bejniethom, minghajr ma semmew lill-attrici binthom;

Illi l-attrici ghandha dritt ghal-legittima mill-wirt tal-genituri taghha;

Illi b'kuntratt tas-26 ta' Jannar 1990 gie mibjugh il-fond 100, Siggiewi Street, Zebbug, meta min-nofs li kien wirt ta' missier l-attrici, hija jmissha porzjoni legittima;

Illi Salvatore u Carmela Sciortino ghamlu donazzjonijiet lill-konvenuti, kif jigi ppruvat;

Illi bl-imsemmi testment il-konvenut Joseph Cutajar gie nominat esekutur testamentarju tal-mizzewgin Sciortino;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tigi ffirmata u llikwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ga ezistenti bejn l-imsemmijin Salvatore u Carmela mizzewgin Sciortino, u maqsuma f'zewg porzjonijiet indaqs li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi ta' Salvatore Sciortino u l-ohra lill-assi ta' Carmela Sciortino;

2. Jigi ffirmat u llikwidat l-assi ereditarju ta' Salvatore Sciortino billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti lilu hawn fuq assenjata u fil-beni partikolari tieghu;

3. Jigi ffirmat u llikwidat l-assi ereditarju ta' Carmela Sciortino billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti lilha hawn fuq assenjata u fil-beni partikolari taghha;

4. Tigi assenjata lill-attrici l-legittima lilha spettanti mill-assi ereditarju ta' Salvatore Sciortino;

5. Tigi assenjata lill-attrici l-legittima lilha spettanti mill-assi ereditarju ta' Carmela Sciortino:

6. Jigi nominat nutar biex jippubblika l-atti opportuni ta' assenjazzjoni tal-legittima lill-attrici u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq dak l-att; bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 1995, kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process liema dokumenti huma mmarkati bhala Dok "A" u Dok "B".

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' April 1997.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Salvina Schembri *et* datata 26 ta' Frar 1997 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-konvenuti ahwa Sciortino eredi tal-mejtin Salvatore u Carmela konjugi Sciortino qatt ma opponew, anzi ttrattaw maghha, sabiex l-attrici tiehu l-legittima lilha spettanti mill-assi tal-genituri taghhom, imma kienu t-talbiet ezorbitanti taghha li mpedew kull arrangament.

2. Illi l-konvenut Joseph Cutajar qatt ma accetta u fil-fatt ma huwiex ezekutur testamentarju tal-mejtin konjugi Salvatore u Carmela Sciortino.

3. Illi l-fond numru 100 Triq is-Siggiewi f'Haz Zebbug, inbiegh skond il-ligi mill-eredi hekk rizultanti.

4. Illi d-donazzjonijiet imsemmija mill-attrici gew lilha ndikati mill-konvenuti fit-trattattivi bonarji li huma mexxew u l-attrici sfrattat bi pretensjonijiet ezagerati, u ghalhekk huma ma ghandhomx jbatu spejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 20 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 20 ta' Mejju 1998 (fol 26) bid-dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota datata 8 ta' Marzu 1999 (fol. 80) li tindika l-assi tal-genituri tal-kontendenti.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 25 ta' Ottubru 1999 a fol. 85 tal-process li biha pprezentaw kopja awtentika ta' l-att pubbliku *"Causa Mortis'* fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion tal-25 ta' Jannar 1996 li qieghed immarkat Dok "JCX".

Rat il-provvediment datat 29 ta' Ottubru 2003 (fol. 297) fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens li l-attrici qatt ma rrinunzjat ghall-wirt u dan peress li hija qatt ma giet nominata bhala eredi izda nghata lilha legat *"ghas-saldu ta' kwalsiasi drittijiet ta' legittima"* u wkoll b'applikazzjoni ta' **l-artikolu 728 tal-Kap. 12**.

Rat in-nomina tal-Perit Albert Borg Costanzi bhala perit tekniku b'digriet datat 29 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota attrici datata 26 ta' Jannar 2004 (fol. 304) fejn elenkat lista tal-assi ereditarji ta' Salvatore u Carmela konjugi Sciortino.

Rat il-provediment datat 6 ta’ Ottubru 2004 (fol. 325) fejn gie ddikjarat li l-kuntratt ta’ bejgh tal-fond Numru 100 (gia’ 102) f’Siggiewi Street, Siggiewi datat 26 ta’ Jannar 1990 fl-atti tan-Nutar Nicola Said ma kienx simulat u wkoll li abbazi tas-sentenza **“Concetta Vella vs Joseph Bugeja et”** (A.C. - 10 ta’ Dicembru 1973) fejn inghad li fejn il-legittima ikkonvertiet ruhha fi dritt ta’ kreditu ta’ flus, l-istima relattiva ghandha tkun relattata ghaz-zmien l-aktar possibbli ghall-pronunzja gudizzjali, u dan b’riferiment ghall-fond fuq indikat.

Rat id-digriet tat-12 ta’ Jannar 2005 fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tad-dokument a fol. 333 tal-process u fejn gie nominat il-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala Perit Tekniku b’sostituzzjoni tal-perit tekniku qabel nominat.

Rat il-relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti datata 2 ta’ Marzu 2005 u mahlufa fil-5 ta’ April 2005 kif jidher a fol. 348 tal-process.

Rat l-eskussjoni tal-Perit Tekniku.

Rat id-digriet datat 23 ta’ Novembru 2005 fejn il-Qorti nkarigat lill-istess Perit Tekniku, ulterjorment, biex jezamina l-pjanti esebiti fil-process u jirrelata anke verbalment dwar il-kejl tal-post in kwistjoni u f’kaz ta’ diffikulta` dwar il-konfini gie awtorizzat jiffissa seduta u jlaqqa’ lill-partijiet.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif presjeduta datat 2 ta’ Marzu 2006 fejn il-Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-attrici datata 2 ta’ Gunju 2005.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attrici datati 5 ta’ April 2006 (fol. 386) u 28 ta’ Marzu 2007 (fol.409)

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuti datata 28 ta’ April 2006 a fol. 391 tal-process.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut Anthony Sciortino datati 8 ta’ Mejju 2006 (a fol. 396) u 26 ta’ April 207 (fol. 413).

Rat id-digriet datat 27 ta’ Awissu 2008 fejn il-Qorti cahdet it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-attrici datat 20 ta’ Novembru 2007 anke peress li l-provi kienu gja maghluqa.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 2008.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 2 ta’ Dicembru 2008 a fol. 443 tal-process fejn l-esponenti talbet sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-legittimazzjoni tal-atti fis-sens li minflok il-kliem “Mary Sciortino” jidhlu l-kliem “Josephine mart Carmelo Cilia, George Sciortino, l-Avukat Adrian Cutajar bhala mandatarju tal-assenti Philip Sciortino, Emanuel Sciortino u Nazzareno Sciortino, Grace mart Joseph Cutajar, Salvina mart Joseph Schembri, Anthony Sciortino u Mary Lourdes mart Daniel Gatt ilkoll eredi f’sehem indaqs tal-mejta Mary Sciortino” f’dawn l-atti u fl-atti l-ohra kollha relatati u sussewgenti; u l-Qorti laqghet it-talba li l-istess jigi registrat u mnizzel fl-okkju tal-kawza kif jidher bid-digriet moghti fit-3 ta’ Dicembru 2008 a fol. 448 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2009 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Mejju 2009 u tat-28 ta’ Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta’ Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas tal-porzjon legittima spettanti lill-attrici bhala dixxendenti u bint tal-genituri taghha Salvatore u Carmela Sciortino konjugi Sciortino.

Illi permezz tat-talbiet taghha, l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-genituri taghha Salvatore u Carmela Sciortino, li l-assi jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet indaqs li wahda tigi assenjata lill-assi ta’ Salvatore Sciortino u l-ohra lill-assi ta’ Carmela Sciortino b’dan illi jigu likwidati l-assi rispettivi taghhom u li tigi assenjata lill-attrici il-legittima mill-assi ereditarji ta’ kull wiehed minnhom.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuti jecepixxu illi huma qatt ma opponew li l-attrici tithallas il-legittima spettanti lilha u fil-fatt kienu saru offerti lilha illi hija stess sfrattat bi pretensjonijiet ezagerati min-naha taghha. Saret eccezzjoni wkoll fis-sens illi l-fond Numru 100 fi Triq is-Siggiew u f’Haz-Zebbug inbiegh skond il-ligi mill-eredi;

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta li l-konjugi Sciortino permezz ta’ testament *unica carta* datat 30 ta’ Mejju ta’ 1985 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Mangion (Dok. “A” – fol. 5), innominaw u istitwew lil disgha minn ghaxar ulied u cioe` lil Salvina Schembri, Lourdes Gatt, Grace Cutajar, George Scortino, Mary Sciortino, Anthony Sciortino, Nazzareno Sciortino, Emanuel Sciortino u Philip Sciortino bhala l-eredi universali taghhom. Jirrizulta wkoll mill-istess testment illi t-testaturi hallew lill-attrici s-somma ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (LM1,500) (ekwivalenti ghal tliet elef u erba’ mija u erbgha u disghin ewro u ghaxar centezmu – €3494.10) b’titolu ta’ legat *in piena* proprjeta` u “*dan ghas-saldu ta’ kwalsijasi dritt ta’ legittima”.*

Illi fl-istess testment, it-testaturi permezz ta’ l-artikolu sebgha (7) ezentaw lil uliedhom kollha mill-obbligu tal-konferiment fil-massa ereditarja u mill-imputazzjoni ghall-sehemhom ta’ dak kollu illi l-imsemmija ulied ircevew matul hajjet it-testaturi, taht kull titolu, u ghal kwalsiasi *causa*; eskluzi minn din l-ezenzjoni pero` kienu l-legati msemmija fl-istess testment.

Illi l-attrici qed tallega illi hija giet oltraggjata fis-sens illi bl-istess testment il-legittima spettanti lilha giet leza. Hija tallega dan ukoll in kwantu temmen illi fil-massa ereditarja tal-genituri taghha jehtieg illi tigi wkoll inkluza proprjeta` immobiljari u senjatament il-fond bin-Numru 100 fi Triq is-Siggiewi f'Haz-Zebbug mibjugh lil wiehed minn hutha u cioe` lil Anthony Sciortino permezz tal-kuntratt pubbliku (Dok. "B") u ghaliex hija ssostni li ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-legittima ghandhom jigu nkluzi dawk id-donazzjonijiet illi l-genituri taw lil uhud mill-ahwa. *In oltre*, skond l-attrici ghandhom ukoll jinghaddu l-flejjes fil-kontijiet bankarji tad-*decujus*.

Illi d-dritt ghall-legittima (**artikolu 615 tal-Kap. 16)** huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj. Is-sehem tal-legittima f'dan il-kaz huwa ta' nofs tal-valur tal-beni tad-*decujus* u dan peress illi f'dan il-kaz l-ulied huma ghaxra u ghalhekk jispetta lill-attrici porzjon minn ghaxra (1/10) ta' nofs (1/2) l-assi ereditarji tal-genituri taghha u cioe` porzjon minn ghoxrin (1/20) tal-patrimonju ereditarju (**artikolu 616 tal-Kap.16).**

Illi sabiex din il-Qorti tasal ghall-komputazzjoni tal-legittima jehtieg illi fl-ewwel lok jigu kkunsidrati zewg punti ta' natura legali, u cioe', jekk il-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur tal-patrimonju tad-*decujus* fil-waqt ta' mewtu, jew ahjar fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, jew inkella l-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur taz-zmien tal-likwidazzjoni tal-legittima innifisha; u jekk il-legittima ghandhiex tithallas *in natura* jew inkella fi flus.

Illi fuq l-ewwel punt u cioe' dwar iz-zmien relevanti ghall-valutazzjoni ta' l-assi ereditarji ghall-fini tal-komputazzjoni tal-legittima, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mary Anne Zammit et vs Antonia u Bernarda ahwa Ellul"** mghotija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 fejn gie segwiet dak li nghad fis-sentenzi tal-istess Qorti fl-ismijiet **"Emilia Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi"** (A.C. 10 ta' Dicembru 1973) u

**"Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja"** (A.C. - 14 ta' Dicembru ta' l-1973) u fejn dwar dan il-punt inghad illi:-

*"...ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja ta' l-assi ereditarji in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' referiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.... Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni, cioe` iz-zmien 'l iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja."*

Illi b'referenza ghat-tieni punt illi din il-Qorti thoss illi ghandha tikkunsidra u cioe` dwar jekk il-legittimarja ghandhiex tinghata s-sehem taghha *in natura* jew inkella fi flus kontanti, u wkoll b'zieda ma' dak illi nghad iktar 'il fuq fuq l-ewwel punt, din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza hawn citata **"Zammit vs Ellul"** fejn irriteniet illi:-

*"... il-likwidazzjoni li idealment tinvolvi l-assenjazzjoni lill-atturi tal-kwota legittimarja lilhom spettanti mill-beni ereditarji nkluzi l-immobili trid bilfors issir fuq il-valuri llum korrenti b'mod li hekk inhuma ma jigux assenjati mmobbli jridu jigu assenjati valur li jirrifletti l-valur ta' dawk l-immobili illum fid-data li qed tigi llikwidata l-legittima dovuta. Ghalhekk ...dik il-valutazzjoni trid issir bl-ghan li jigi assenjat lilhom sakemm possibili sehem minn dawk l-immobili in natura u in difett valur kongruwu biex jaghmel*

*tajjeb ghal dak is-sehem u ghalhekk bil-fors trid tirrifletti l-valur li jottjenu llum."* Il-Qorti rriteniet illi ghall-fini tal-komputa tal-kwota disponibbli, u per konsegwenza, tal-komputa ta' dik mhux disponibbli, l-assi ereditarji ghandhom jigu valutati fiz-zmien 'l iktar qrib ghal-likwidazzjoni tal-legittima (**"Vella et vs Bugeja et"** u **"Mifsud et vs Mizzi et"**).

Illi in kwantu jekk il-legittimarja ghandhiex tiehu sehem in natura jew inkella fi flus kontanti, din il-Qorti thoss illi ghandha, sa fejn ikun possibbli tirrispetta d-dispozizzjonijiet testamentarji f'dan is-sens u dan *in linea* mal-principju illi t-testatur huwa liberu li jirrizerva *"una determinata specie tal-beni tieghu"* u ghandu l-fakolta` li jhalli proprjeta` specifika in sodisfazzjoni tal-legittima, jew akkont tal-istess legittima. Fil-fatt, meta t-testatur jindika determinata speci tal-beni ereditarji minn fejn ghandha tigi sodisfatta l-legittima kemm-il darba din tigi reklamata, b'daqshekk ma jxekkilx l-ezercizzju tal-legittima, imma jesercita dritt li huwa tieghu bhala testatur proprjetarju tal-beni, kif rikonoxxut mil-ligi u mill-insenjament gurisprudenzjali **("Silvana mart Alfred Zammit vs Antoinette mart Paul Meilaq"** P.A. (NC) - 15 ta' Ottubru 2003).

Illi it-testaturi, permezz tat-testment *unica carta*, hallew is-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (LM1,500) lill-attrici *a saldu* tal-legittima dovuta lilha. Illi ghalhekk, din il-Qorti thoss illi ghandha ssegwi l-volonta` tat-testaturi billi talloka flus kontanti lill-imsemmija attrici u dan iktar u iktar meta jirrizulta li l-attrici bl-azzjoni li istitwiet qeghda bazikament tikkontendi li l-ammont indikat bhala legat lilha ma jissodisfax id-dritt ta' legittima taghha, u ghalhekk tenut kont ta' dan, din il-Qorti ser tezamina dan fid-dawl li l-istess legat ma giex accettat mill-istess attrici proprju ghaliex ma jissodisfax il-kwota taghha ta' legittima. Ovvjament il-likwidazzjoni tal-legittima teskludi li l-attrici tiehu wkoll l-istess legat b'dan li l-attrici tkun biss dovuta l-ammont li ser jigi likwidat bhala d-dritt ta' legittima spettanti lilha.

Illi ma dan ta' min izid ukoll illi huwa principju stabbilit illi l-legittimarja ma tistax tippretendi illi fid-dritt tal-legittima taghha tigi mdahhla wahda minn kwalunkwe sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-*decujus* **("Joseph Vella vs Anthony Bezzina et"** - A.C - 20 ta' Novembru 1998 u **"Orazio sive Cutajar vs Emmanuela Cutajar et"** – P.A. (PS – 3 ta' Ottubru 2003).

Illi wara li ezaminat il-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li l-assi tat-testaturi l-konjugi Salvatore u Carmela Sciortino huma s-segwenti:-

A. Assi Ereditarju ta' Salvatore Sciortino:

(1) Assi Immobbli:

(a) Assi Parafernali:

(i) Ir-Razzett ta' Paranku u raba' li jmiss mieghu fi Mdina Road, Zebbug - Skond ir-rapport peritali, il-partijiet qablu li l-art mertu ta' din il-kawza m'humiex ir-razzett u r-raba' li jmiss mieghu direttament, izda bicca art ta' forma rettangolari li qeghda fuq wara tar-razzett u art li tmiss mieghu, cioe` kif jidher fuq is-*site plan* annessa mar-rapport (Dok. "JEV/1") li fi Frar ta' l-2005 u cioe` fid-data ta' l-istima tal-Perit gie stmat ghaxart elef Lira Maltin (LM10,000 – ekwivalenti ghal €23,293.73) Din il-proprjeta` giet ghand Salvatore Sciortino b'wirt (ara l-kuntratt ta' divizjoni tat-8 ta' Marzu, 1975 in atti tan-Nutar Dttr. Joseph Brincat a fol 36 *et seq.* tal-process).

(2) Il-fond Nru. 1, Sqaq Nru. 7, Triq is-Siggiewi, Zebbug, liema fond jinsab fi sqaq qasir fil-parti l-qadima ta' Haz-Zebbug u jikkonsisti f'remissa u loggja warajha, bitha nterna b'tarag mikxuf li jaghti ghall-ghorfa fuq l-intrata, erbat ikmamar zghar fil-genb tal-bitha nterna u stalla, lkoll mibnija madwar il-bitha nterna. Minn wahda mill-kmamar tghaddi ghal gjardina fuq wara. Hemm ukoll kmara bhala *store* ghall-ghalf tal-bhejjem. Dan il-fond huwa liberu u l-valur ta' dan il-fond bhala vojt minn kull kirja fi Frar ta' l-

2005 gie stmat hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (LM25,000 – ekwivalenti ghal €58,234.33) (*freehand sketch* annessa mar-rapport immarkata bhala Dok. “JEV/4”) - (ara kuntratt ta’ divizjoni u immissjoni fil-pussess datat 8 ta’ Marzu 1975 (fol. 36 *et seq.* u b’mod partikolari fol. 51).

<u>(B) Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti.</u>

Nofs (1/2) l-assi tal-komunjoni hekk kif elenkati aktar ‘l isfel.

<u>(1) Assi Immobbli.</u>

(i) Il-fond Nru. 100, Triq Siggiewi, Zebbug – Skond ir-rapport peritali, il-fond kien waqa’ u floku nbnew dar u *garage* u ghall-finijiet ta’ stima dan il-fond gie stmat fi Frar ta’ l-2005 bhala *site value* fil-valur ta’ erbghin elf Lira Maltin (LM40,000 – ekwivalenti ghal €93,174.94). Din il-Qorti tinnota illi sehem il-missier Salvatore Sciortino u cioe` nofs indiviz tal-proprjeta` ghandu jidhol fil-massa ereditarja tal-missier ghall-finijiet ta’ komputazzjoni tal-legittima ta’ l-attrici. Pero` in kwantu ghas-sehem ta’ l-omm, Carmela Sciortino, dan is-sehem inbiegh lil binha Anthony Sciortino permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Philip Said tas-26 ta’ Jannar 1990 a fol. 55 *et seq*. (ara sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2004) u skond kif jirrizulta mix-xhieda ta’ l-attrici mhux kontradetta (ara xhieda ta’ l-attrici a fol. 107 u wkoll xhieda ta’ Lourdes Gatt a fol. 120), l-omm kienet iddonat u qasmet lill-konvenuti nofs mir-rikavat taghha mill-bejgh ta’ sehemha fil-proprjeta` u cioe` nofs (1/2) tan-nofs (1/2) tal-prezz ghall-bejgh ta’ l-imsemmija proprjeta`. L-imsemmija donazzjoni ta’ mitejn u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm275 – ekwivalenti ghal €640.58) ghandha wkoll tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-legittima fuq l-assi ta’ l-omm;

(ii) Il-fond 27, Triq Mamo, Zebbug li jinsab fic-centru tar-rahal, cioe` fil-parti l-qadima tieghu u jikkonsisti f’entrata b’bieb immarkat 27, f’Mamo Street, Zebbug, kamra laterali, kamra zghira bil-bieb ghall-bitha u kmara tal-banju wkoll bil-bieb ghall-bitha nterna. Fil-pjan terran hemm

ukoll zewg kmamra ta' l-annimali li jaghtu ghal fuq mandra fuq wara, hemm ukoll gardina fuq wara. L-ewwel pjan hu accessibbli permezz ta' tarag mikxuf fil-bitha nterna u jikkonsisti f'zewg kmamar fuq wara tad-dar. L-arja tal-kmamar ta' quddiem hi ta' terzi u dan skond il-*freehand sketch* plan annessa mar-rapport (Dok. "JEV/2") li fi Frar ta' l-2005 gie stmat ghoxrin elf Lira Maltin (LM20,000 – ekwivalenti ghal €46,587.48);

(iii) Il-fond St. Mary, 140, St. Simon Street, Bugibba li jikkonsisti f'terran sottopost ghal proprjeta ta' terzi u jinsab f'parti turistika ta' Bugibba (*site plan* annessa mar-rapport u mmarkata Dok. "JEV/5") u jikkonsisti f'entrata zghira u ta' forma irregolari u li tiehu dawl u ventilazzjoni mill-bieb ta' barra, kamra zghira li tiehu d-dawl minn *shaft* imsaqqaf bil-*fibreglass sheets*, kamra tas-sodda bla dawl dirett u bla ventilazzjoni, kcina u WC zghir u bitha zghira fuq wara. Il-fond huwa liberu u frank u fi Frar ta' l-2005 gie stmat ghaxart elef Lira Maltin (LM10,000 – ekwivalenti ghal €23,293.73);

(iv) Art f'Hal-Mula, Zebbug – Dirett *dominium* perpetwu u cens annwu u perpetwu ta' seba' mija u sitta u tletin punt erba' Liri Maltin (LM736.40), l-intjier, gravanti ghalqa maghrufa "Ta' Hal-Mula" tal-kejl ta' circa erbat elef, mitejn u disa' u sittin punt zero disa' metru kwadru (4,269.09 metru kwadru), liema cens, skond il-perit, jekk jinfeda bir-rata ta' sitta punt hamsa fil-mija (6.5%) jammonta ghas-somma ta' hdax-il elf u tliet mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (LM11,323.85 – ekwivalenti ghal €26,377.47) (ara d-denunzja ta' l-assi tal-mejjet Salvatore Sciortino a fol. 60 *et seq*. u ara l-att tat-trasferiment *causa mortis* tal-mejta Carmela Sciortino a fol. 86 *et seq.* tal-process).

<u>(1) Assi Mobbli.</u>

<u>(a) Depositi Bankarji</u>

(i) Kont bankarju mal-Mid-Med Bank bin-numru 44-400-0309 fis-somma ta' elf u tletin Lira Maltin (LM1,030)

ekwivalenti ghal €2,399.25 – (ara Dok. "CF1" a fol. 272), li erba' mija u sbatax-il Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (LM417.99) minn dan il-kont gew trasferiti f'kont iehor bin-numru 044-017101-100 – (ara fol. 176 et seq., fol. 276 *et seq*.).

(ii) Kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 774511458 fis-somma ta' ghaxart elef tliet mija u tlieta u sebghin Sterlini punt erbgha u erbghin (£10,373.44) ekwivalenti ghal €13,000;

(iii) Kont bankarju mal-Mid-Med Bank bin-numru 44-4019379 fis-somma ta' elf, mija u disghin Lira Maltin (LM1,190) ekwivalenti €2,771.95 - (ara Dok. "CF1" a fol. 272);

(iv) Kont bankarju tal-Mid-Med Bank bin-numru F/D L187669 fis-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (LM600) ekwivalenti ghal €1,397.62 - (ara Dok. "CF1" a fol. 272);

(v) Kont bankarju man-*National Savings Bank* (Scotland) bin-Numru 127-900-384 fis-somma ta' tliet elef u tmien mija u sbatax-il Sterlina (£3,817) ekwivalenti ghal €4,783.47

(vi) *War Loan* fis-somma ta' elf, tliet mija u hamsa u sebghin Sterlina (£1,375) ekwivalenti ghal €1,723.15.

Illi dawn jirrizultaw elenkati fid-denunzja ta' l-assi tal-mejjet Salvatore Sciortino bhala appartenenti il-komunjoni ta' l-akkwisti u whud minnhom elenkati wkoll fil-formola ghall-helsien ta' l-attiv kapitali Dok. "CF 1" a fol. 272 *et seq.*

<u>(b) Ghamara.</u>

(i) Ghamara tal-valur ta' mija u tliet Liri Maltin (LM103) ekwivalenti ghal €239.93 - (ara d-denunzja ta' l-assi tal-mejjet Salvatore Sciortino);

<u>(c) Dehebijiet u Flus Kontanti.</u>

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-konvenuti rcevew xi donazzjonijiet minn ommhom Carmela Sciortino wara l-mewt ta' missierhom. Biss pero`, peress illi mill-provi prodotti ma jirrizultax bic-car kemm kien l-ammont preciz donat lilhom mid-*decujus* u peress illi mill-banda l-ohra jirrizulta illi minn uhud mix-xhieda tal-konvenuti stess li kull wiehed u wahda minnhom kien ircieva xi deheb u/jew flus kontanti, din il-Qorti thoss illi jkun gust illi zzid is-somma ta' tlettin Lira Maltija (LM30) kull wiehed ghad-disat ahwa li jwassal ghall-ammont kumplessiv ta' mitejn u sebghin Lira Maltija (LM270) ekwivalenti ghal sitt mija tmienja u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€628.93)

<u>A. Assi Ereditarju ta' Carmela Sciortino:</u>
<u>(1) Assi Immobbli.</u>
Nofs l-assi immobbli tal-komunjoni ta' l-akkwisti elenkati fil-lista ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti elenkati bl-ittri (ii) (iii) u (iv) b'dan li ghall-fond 100, Triq Is-Siggiewi, Zebbug tapplika l-ispjegazzjoni moghtija fl-ittra (i) fuq b'referenza ghall-assi ereditarju ta' Carmela Scicluna u maghhom tizdied is-somma hemm indikata ta' €640.58 li jwassal ghall-valur ta' €48,769.93.
<u>(2) Assi Mobbli.</u>

Il-Kontijiet bankarji ohra illi jirrizultaw mill-provi wara l-mewt ta' Carmela Sciortino:-

(i) Kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 044-017002-050 fis-somma ta' elf u tliet mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u sittin centezmu (LM1,371.60) ekwivalenti ghal €3,194.97 liema somma hija dik rizultanti fid-data vicina (24.07.1995) ghad-data tal-mewt ta' Carmela Sciortino (+ 8.08.1995)- (Ara Dok. “AB 30” a fol. 186);

(ii) Kont bankarju ma' l-HSBC Bank Malta plc bin-numru 044-017002-451 fis-somma ta' erbat elef sitt mija u sitta u hamsin Sterlina punt sebgha (£4,656.07) ekwivalenti ghal €5,834.99 – (Ara Dok. "AB 14" a fol. 162 fid-data vicina (25.09. 2005) ghad-data tal-mewt tad-*decujus*);

(iii) Kont bankarju ma' l-HSBC Bank Malta plc bin-numru 044-017101-451 fis-somma ta' mitejn u erbatax-il Sterlina punt tnejn u tmenin (£214.82) ekwivalenti ghal €269.21 – (ara Dok. "AB 27" a fol. 175 fid-data vicina (25.09.2005) ghad-data tal-mewt tad-*decujus*);

(iv) Kont bankarju ma' Bank of Valletta bin-numru 18204196016 f'isem Carmela Sciortino fis-somma ta' ghaxart elef u erba' mija u erbgha u disghin Sterlina u *penny* (£10,494.01) ekwivalenti ghal €13,151.10 – (Skond l-ammont indikat f'Dok. "PG 14" a fol. 200 fid-data vicina (30.09.1995) tal-mewt tat-testatrici);

(v) Kont bankarju ma' l-HSBC Bank p.l.c. Bearer bin-Numru 011513 fis-somma ta' hamest elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm5,700 – ekwivalenti ghal €13,277.43) – (Ara Dok. "AB 15" a fol. 163 u ara wkoll xhieda ta' Adrian Borg P.L. a fol. 261);

(vi) Is-somma ta' tliet elef u tmien mija u ghoxrin Lira Maltin (LM3,820) ekwivalenti ghal €8,898.21) li t-testatrici Carmela Sciortino rciviet b'kumpens ghat-tehid tar-raba' maghrufa bhala "Ta' Scamardi" fil-limiti ta' Haz-Zebbug permezz tas-sentenza fl-ismijiet "Vassallo noe vs Carmela Sciortino" deciza fl-1 ta' Frar 1994, liema somma giet mghotija b'donazzjonijiet lill-ahwa (ara Dok. "X" a fol 109 u 110 u d-deposizzjoni ta' l-attrici a fol 108 tal-process;
Ghalhekk l-assi ereditarju tal-mejjet Salvatore Sciortino huma s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| (i) Assi Immobbli: | Euro 176,244.91 |
| (ii)Assi Mobbli inkluz depoziti bankarji: | Euro 13,472.19 |
| Total Attiv: | Euro 189,717.10 |

Total Passiv (Spejjez Funerarji –fol. 63) (Euro 717.45)

Nett Attiv Euro 188,999.65

Ghalhekk l-assi ereditarju tal-mejta Carmela Sciortino huma s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| (i) Assi Immobbli: | Euro | 48,769.93 |
| (ii)Assi Mobbli inkluz depoziti bankarji: | Euro | 45,060.85 |
| Total Attiv: | Euro | 93,830.28 |
| Total Passiv (Spejjez Funerarji): *(Arbitro boni viri)* | Euro | (700) |
| Nett Attiv | Euro | 93, 130.28 |

Illi ghalhekk a bazi tal-regoli ghall-komputazzjoni tal-legittima skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 616 tal-Kap. 16**, il-legittima bhal fil-kaz in ezami u cioe` fejn l-ulied huma ghaxra (10) b'kollox, il-legittima hija nofs il-beni tad-*decujus* u ghalhekk il-legittima ta' l-attrici hija porzjon minn ghoxrin (1/20). Dan ifisser illi s-sehem ta' l-attrici mill-assi ereditarji ta' missierha huwa ta' disat elef erba' mija u disgha u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€9,449.98) mentri sehem l-attrici mill-assi ereditarji t'ommha Carmela Sciortino huwa ta' erbat elef hames mija u sitta u hamsin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€4,656.51).

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u b'hekk tistabbilixxi u tillikwida l-assi ta' Salvatore Sciortino u ta' Carmela Sciortino fil-mod hekk kif stabbilit aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-assi ereditarju ta' Salvatore Sciortino li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni ta' l-

akkwisti lilu hawn fuq assenjata u fil-beni partikolari tieghu u tiddikjara li din tammonta ghall-valur ta’ mija u tmienja u tmenin elf, disa’ mija u disgha u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€188,999.65) u dan kif hawn fuq deciz;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida l-assi ereditarju ta’ Carmela Sciortino u jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni ta’ l-akkwisti lilha hawn fuq assenjata u fil-beni partikolari taghha u tiddikjara li dan jammonta ghal tlieta u disghin elf, mija u tlettin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€93,130.28)

4. Tilqa’ r-raba’ talba taghha u tassenja lill-attrici l-legittima lilha spettanti mill-assi ereditarju ta’ Salvatore Sciortino fl-ammont ta’ disat elef erba’ mija u disgha u erbghin ewro u disa’ u tmenin centezmu (€9,449.98) u tordna li l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom jhallsu l-istess ammont lill-attrici.

5. Tilqa’ il-hames talba u tassenja lill-attrici l-legittima lilha spettanti mill-assi ereditarju ta’ Carmela Sciortino fl-ammont ta’ erbat elef sitt mija u sitta u hamsin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€4,656.51) u tordna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom sabiex ihallsu l-istess ammont lill-attrici.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagement u bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Ottubru 1995, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------